MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru 649/2005

**IL-PULILZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**ALBERT BALZAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Albert Balzan, ta' 26 sena, bin Joseph u Lucia nee' Pace, imwieled Attard nhar il-21 ta' Ottubru, 1978, u li joqghod fil-fond St Nicholas, Triq Nikola Sawra, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 533 578 (M);

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Gunju, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'Tal-Handaq, limit ta' Hal-Qormi, u fis-Siggiewi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija

falza, jew ta taghrif falz billi ffalsifika n-numru tax-*chassis* tal-vettura tal-marka *Peugeout 405* ukoll bin-numru tar-registrazzjoni EAX 915 u cioe' billi wahhal numru tax-*chassis* li jaqra VF34BD9B271279090 li jappertjeni vettura tal-marka *Peugeout 405* ukoll, bin-numru tar-registrazzjoni BBL 926, *ai termini* tal-Artikolu 118 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi ffasifika n-numru tax-*chassis* tal-vettura tal-marka *Peugeout 405* bin-numru tar-registrazzjoni EAX 915, u cioe' billi wahhal numru tax-*chassis* li jaqra VF34BD9B271279090 li jappretjeni vettura tal-marka *Peugeout 405* ukoll, bin-numru tar-registrazzjoni BBL 926, *ai termini* tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, jew tal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fil-*body* jew fin-numru tax-*chassis* tal-vettura tal-marka *Peugeout 405* bin-numru tar-registrazzjoni BBL 926, u dan *ai termini* tal-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (AL 128/1994) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (AL 128/1994) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tal-imsemmi imputat Albert Balzan, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi sabiex jikkonsidra din l-istess ammissjoni tieghu;

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-istess Albert Balzan hati tal-akkuzi dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tordna wkoll konfiska tal-oggetti esebiti.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------